REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/378

tat-2 ta' Marzu 2015

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-implimentazzjoni għall-ikklerjar tal-proċedura ta' kontijiet u fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-ikklerjar tal-konformità

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 45(2) u 47(6) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-ikklerjar tal-kontijiet annwali għal kull programm nazzjonali u dwar l-ikklerjar tal-konformità. Għalhekk l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dawk il-kompiti għandhom ikunu stabbiliti inkluż dwar l-iskambji ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-iskadenzi li għandhom jiġu rispettati f'kull każ.

(2) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta bir-Regolament (UE) Nru 514/2014 u konsegwentement huma marbuta b'dan ir-Regolament.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-Premessa 47 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014, id-Danimarka mhix marbuta bir-Regolament (UE) Nru 514/2014 jew b'dan ir-Regolament.

(4) Sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni fil-pront tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament u ma jkunx hemm dewmien għall-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat "għall-Fondi għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u s-Sigurtà Interna".

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Approvazzjoni annwali tal-kontijiet

1. Il-Kummissjoni tevalwa l-eliġibbiltà ta' kull proġett irrapurtat fit-talba għall-pagament tal-bilanċ annwali irreferut fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/377 ([2]) f'rabta mal-oġġettivi tar-Regolamenti Speċifiċi ddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 514/2014 u dawk tal-programm nazzjonali approvati skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014.

Meta tiddeċiedi dwar il-ħlas tal-bilanċ annwali, il-Kummissjoni għandha wkoll tikkunsidra l-informazzjoni pprovduta:

(a) fir-rapport ta' implimentazzjoni annwali msemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014;

(b) it-talba għal ħlas tal-bilanċ annwali fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/377.

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/377 tat-2 ta' Marzu 2015 li jistabbilixxi l-mudelli għad-dokumenti mitluba għall-pagament tal-bilanċ annwali skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jipprovdi dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fond tal-Asil, tal-Migrazzjoni u tal-Integrazzjoni u fuq l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għal kooperazzjoni tal-puliżija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-maniġġar ta' kriżijiet (Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)

2. Il-Kummissjoni għandha tirrilaxxa l-ammonti kollha ddikjarati fil-kontijiet fejn mhemmx dubju dwar il-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità fil-kontijiet sottomessi

3. Il-Kummissjoni tista' titlob aktar informazzjoni minħabba informazzjoni mhux kompluta jew mhux ċari, nuqqas ta' qbil, differenzi ta' interpretazzjoni jew inkonsistenzi oħra relatati ma' talba għall-ħlas.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu, fuq talba mill-Kummissjoni, jipprovdi informazzjoni addizzjonali sad-data ta' skadenza stabbilita f'dik it-talba. F'każijiet ġustifikati, fuq talba mill-Istat Membru qabel ma tiskadi d-data tal-għeluq, il-Kummissjoni tista' taċċetta talba għal sottomissjoni tard tal-informazzjoni u tistabbilixxi data ta' skadenza ġdida.

Fejn l-Istat Membru kkonċernat jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali sal-iskadenza jew jekk it-tweġiba ma tkunx sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tipproċedi bid-deċiżjoni ta' ikklerjar abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħha.

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru bid-deċiżjoni tagħha dwar il-ħlas tal-bilanċ annwali, inklużi r-raġunijiet għal kull kont jew ammont f'kontijiet mhux imħallsa.

Fejn il-kontijiet jew l-ammonti fil-kontijiet mhumiex imħallsa mill-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jippreżenta informazzjoni addizzjonali għall-kontijiet jew għall-ammonti li għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid fi snin finanzjarji sussegwenti.

6. Fejn il-pagament komuni magħmul mill-Kummissjoni huwa inqas mill-ammont ta' prefinanzjament annwali mħallas lill-Istat Membru skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014, l-ammont ta' prefinanzjament annwali jkun ikklerjat sal-limitu massimu tal-ammont korrispettiv. Kull ammont pendenti ta' prefinanzjament għandu jiġi rkuprat biss matul l-eżerċizzji ta' kklerjar annwali li ġejjin.

7. Biss jekk l-Istat Membru ma jagħmilx talba għall-pagament tal-bilanċ annwali skont l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014, li l-pagament annwali pendenti ta' prefinanzjament ikun irkuprat fl-istess eżerċizzju ta' kklerjar.

8. Il-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal ammonti rkuprati.

Artikolu 2

Approvazzjoni tal-konformità u korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni

1. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li l-ispejjeż ma kinux konformi mar-regoli tal-Unjoni u mar-regoli nazzjonali, hija tinnotifika s-sejbiet tagħha lill-Istat Membru kkonċernat, billi tispeċifika l-miżuri korrettivi neċessarji sabiex tiġi żgurata konformità fil-futur u tindika l-livell ta' korrezzjoni finanzjarja li hija tikkunsidra li jikkorispondu mas-sejbiet tagħha.

Din in-notifika ssir skont l-Artikolu 47(5) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 u tagħmel referenza għal dan l-Artikolu.

2. L-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien xahrejn minn meta jirċievi n-notifika. Fit-tweġiba tiegħu l-Istat Membru għandu jkollu l-opportunità, b'mod partikolari, li:

(a) juri lill-Kummissjoni li l-proġett (i) huwa (huma) eliġibbli;

(b) juri lill-Kummissjoni li l-livell ta' nuqqas ta' konformità jew ta' riskju għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-programm nazzjonali huwa inqas minn dak li kien ġie indikat mill-Kummissjoni;

(c) jinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri korrettivi li jkun ħa sabiex jiżgura l-konformità mar-regoli tal-Unjoni u bid-data effettiva tal-implimentazzjoni tagħhom; kif ukoll

(d) tinforma lill-Kummissjoni jekk laqgħa bilaterali tkun ikkunsidrata utli.

F'każijiet iġġustifikati, l-Kummissjoni, fuq talba raġunata tal-Istat Membru, tista' tawtorizza estensjoni tal-perjodu ta' xahrejn b'massimu ta' xahrejn. It-talba għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni qabel l-iskadenza tal-perjodu inizjali ta' xahrejn.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika formalment il-konklużjonijiet tagħha lill-Istat Membru abbażi tal-informazzjoni riċevuta fil-qafas tal-proċedura ta' ikklerjar tal-konformità.

4. Wara li tkun ikkomunikat il-konklużjonijiet tagħha lill-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta, fejn meħtieġ, deċiżjoni waħda jew iktar skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 sabiex teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni infiq li jkun sar minħabba n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tista' taddotta proċeduri ta' kklerjar tal-konformità sakemm l-Istat Membru jimplimenta l-miżuri korrettivi.

Artikolu 3

Deċiżjoni biex ma tinbediex proċedura dwar l-ikklerjar tal-konformità

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma tibdix jew ma taddottax proċedura ta' kklerjar tal-konformità skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 fejn tistenna l-possibilità li l-korrezzjoni finanzjarja, għan-nuqqas ta' konformità identifikata ma taqbiżx il-EUR 50 000 u t-2 % tan-nefqa speċifika meqjusa bħala mhux konformi.

Artikolu 4

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER